MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 498/1994/1

**David Warrington ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Allied Insurance Services Ltd u din in rapprezentanza tas-socjeta` assiguratrici estera Legal and General Assurance Society Limited u dawn kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Richard Fenech;**
**U b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Jannar 1999 giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens li jitnehha l-isem tal-persuna li qed tidher *nomine* ghas-socjeta` attrici.**
**Vs**
**Emanuel Cardona**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-28 ta’ Marzu 1992, filwaqt li l-vettura J-0722 ta’ l-assigurat Richard Fenech kienet qed tinsaq mill-istess Richard Fenech f’Triq l-Alba, San Pawl il-Bahar, u l-konvenut kien qed isuq il-coach numru tar-registrazzjoni Y-0910, iz-zewg vetturi habtu, izda il-konvenut baqa’ ghaddej;

Premess illi l-kollizzjoni sehhet minhabba negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Premess illi b-rizultat tal-habta il-vettura J-0722 garrbet hsara ammontanti ghall-mitejn u hamsa u sebghin lira maltija u erbgha u sebghin centezmi (Lm275.74) li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta` assiguratrici minhahba polza ta’ l-assigurazzjoni tat-tip “*comprehensive*” favur l-assigurat Richard Fenech;

Premess illi s-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat Richard Fenech;

Premess illi ghalkemm debitament interpellat biex jersaq ghall-hlas tad-danni sofferti, il-konvenut baqa’ inadempjenti, nonostante l-fatt li huwa, mal-pulizija, accetta r-responsabbilta` ta’ l-incident u obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghall-hsara;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-kollizzjoni li sehhet fit-28 ta’ Marzu, 1992, bejn il-vettura J-0722 u l-coach Y-0910 minnu misjuqa;

2. Tillikwida d-danni sofferti b’sofferti b’rizultat ta’ din il-kollizjoni;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici d-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez u interessi legali komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa illi:-

Illi t-talbiet attrici kellhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li hu ma kienx jaf li qatt kien involut fl-indcident awtomobilistiku msemmi;Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-30 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran biex jisma lil dawk ix-xhieda li ma jistghux jixhdu bl-affidavit u l-kontro-ezamijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-materja ghall-attenzjoni u decizjoni f'din l-istanza ta' rikjam ghall-hlas tad-danni tirrivolvi ruhha fuq kwestjoni ta' kredibilita`;

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

I. Richard Fenech, sid il-vettura Numru J-0722 li garrbet il-hsara, stqarr li martu kienet ipparkjata quddiem is-"St. Paul Hotel" fejn kienet impjegata. Martu nformatu illi xi hadd kien laqat il-karozza u mill-indagini li ghamel sar jaf minn xi haddiema li kienu qed jibnu parti mil-

lukanda illi Coach Numru Y-0910 kienet involuta f'din il-habta. Dwar l-incident ghamel rapport l-Ghassa;

II. P.S. Joseph Mercieca kkonferma li sarlu dan ir-rapport, u li mill-investigazzjoni li saret nstab li l-coach kienet registrata fuq il-konvenut. Huwa jghid li baghat ghalih f'zewg okkazjonijiet. Fl-ewwel wahda, kif evidenzjat mill-ewwel okkorrenza tat-28 ta' Marzu 1992, il-konvenut cahad mieghu li kien involut f'incident u inoltre li lanqas biss kien xoghol fuq l-area ta' San Pawl il-Bahar. Sussegwentement fit-tieni okkazjoni l-konvenut stqarrlu li l-incident veru sehh u bhala spjega, kif dikjarat fit-tieni okkorrenza ta' l-1 ta' April 1992, qallu li kellu spazju ristrett hafna biex seta' jikser fuq il-lemin minn Blacktail Street ghal Triq l-Alka. Zied jghidlu wkoll li hu telaq minn fuq il-post ghax kellu vjaggi ohra x'jaghmel;

Dejjem skond is-Surgent, f'din l-okkazjoni l-konvenut iffirmalu dikjarazzjoni ta' htija u li kien ser jaghmel tajjeb ghad-danni. Jghid ukoll illi qabel ma ffirmaha fil-presenza tieghu huwa qara l-kontenut taghha lill-konvenut;

Ta' min jirrileva wkoll illi s-Surgent iddepona wkoll illi hu kien '*de visu'* ezamina l-vettura tal-konvenut dak inhar stess ta' l-incident u ma rriskontralha l-ebda daqqiet jew brix;

III. Minn naha tieghu l-konvenut xehed li kien minnu li dak inhar kien xoghol San Pawl il-Bahar pero` zmentixxa li kien involut f'xi incident. Kwantu ghad-dikjarazzjoni sottofirmata minnu jghid li hu ffirma ghax is-Surgent qallu biex jaghmel hekk ha jaghlaq il-file. Jinnega, imbaghad li s-Surgent qrahielu;

Dawn huma pressapoco l-fatti li jermergu f'dan il-kaz mill-provi. Issa f'kaz bhal dan, preponderantement ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminix l-ispjegazzjoni li tati parti f'kawza izda jekk dik l-istess spjegazzjoni hijiex possibbli;

F’dan il-kaz il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi l-ispjegazzjoni fornita mill-konvenut ghandha tigi eskluza ghax din ma tistax titqies bhala wahda possibbli u verosimili konsiderata anke l-istess deposizjoni tieghu. Anzi l-Qorti ma tasalx biex tammen l-versjoni bazika tieghu illi huwa ma kien involut fl-ebda habta. Huwa veru li ma sar l-ebda konfront bejn ix-xhieda tieghu u dak offerta mis-surgent li kkonduca l-investigazzjoni, u huwa veru wkoll illi fuq il-vettura tieghu apparentement ma nstabu l-ebda sinjali indizzjarji li din kienet involuta fi skontru jew impatt ma’ vettura ohra. Eppure din il-Qorti ma tistax taccetta bhala plawsibbli l-linja difensjonali tieghu trincerata wara l-istqarrija illi mhux hu biss jghaddi minn hemm;

Il-Qorti wkoll ma tistax tinjora d-dikjarazzjoni iffirmata minnu erbat ijiem wara l-incident, meta wkoll ma tezisti l-ebda raguni biex tiskarta x-xhieda tas-Surgent bhala *recorder* indipendenti tar-*res gestae* u ta’ l-istqarrijiet li sarulu bhala parti mill-investigazzjoni. Jista’, anzi, jinghad illi l-integrita` tas-Surgent ma gietx imqieghda in dubbju, lanqas mill-konvenut u dan allavolja jizmentixxi certi fatti kif relatati mis-Surgent;

Issa huwa minnu illi in generali l-Qrati jharsu b’certa diffidenza fuq certi dikjarazzjonijiet jew ammissjonijiet. Dan pero` hu hekk meta dawn isiru taht ix-shock tal-kollizjoni fejn allura jezisti dubju jekk min ghamilhom kienx jew le fi stat li jifhem u jqis il-konsegwenzi tad-dikjarazzjoni jew ammissjoni. Effettivament, jezistu kazijiet li fihom il-Qorti rrifjutat li taghti affidament jew effett vinkolanti lil dikjarazzjoni ta’ din ix-xorta. Ara, f’dan is-sens, id-decizjoni fl-ismijiet “**Joseph Sammut -vs-Francis Falzon et *nomine***”, Appell Civili, 14 ta’ Marzu 1966;

Kull kaz pero` jrid jitqies skond ic-cirkostanzi partikolari tieghu, kif hekk jinsab konfermat fid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Civili tal-20 ta’ Lulju 1970 fil-kawza fl-ismijiet “**Avv.**

**Dr. Joseph S. Borg -vs- George Zammit et**", u fejn a propozitu l-Qorti kien dehrilha li ma kienx hemm cirkostanzi sufficcjenti f'dak il-kaz biex l-accettazzjoni sottoskritta mill-konvenut biex ihallas id-danni lill-attur tigi skartata. Tali konkluzjoni tista' ugwalment tigi applikata ghall-kaz in ezami;

Dan qed tasal ghalih din il-Qorti wara li taghmel dawn l-osservazzjonijiet agguntivi:-

(i) Minn dak rakkontat fix-xhieda tieghu l-istess konvenut, proprju ghall-ewwel domanda li ghamillu s-surgent jekk laqatx xi karozza, isawwar ir-risposta tieghu bil-kliem "<u>Ma jidhirlix, hu</u>". Konsiderata oggettivament, ghall-Qorti din it-twegiba thalli sapur ta' nuqqas ta' certezza f'min qalhom u tirrendi l-eccezzjoni u d-difiza tieghu ghal kollox inkredibbli;

(ii) Dak li zied jirrakkonta imbaghad il-konvenut *in coda* ghad-deposizzjoni tieghu tkompli turi, u anzi tikkorobora dak mistqarr minnu *a tempo debito* lis-Surgent dwar id-diffikolta` riskontrata biex jimmanuvra l-vettura tieghu biex minn triq jghaddi ghall-ohra, minhabba l-gebel fit-triq. Certament ir-ristrettezza ta' din il-parti tat-triq ma kienetx invenzjoni tas-Surgent fejn irrelata dwarha fl-okkorrenza;

Dawn l-osservazzjonijiet, u ohrajn li kapaci jigu riferiti mill-istess xhieda tal-konvenut u dik tas-surgent, ghandhom isostnu l-versjoni ta' dan ta' l-ahhar u jinficjaw dik tal-konvenut. Din il-Qorti ghalhekk wara li qieset sew u mill-ahjar li setghet il-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, tahseb li l-konvenut ma rnexxielux jiddisimpenja adegwatement l-*onus probandi* biex iwaqqa' d-dikjarazzjoni minnu ffirmata u li biha accetta l-htija u r-responsabilita` ghall-hlas tad-danni subiti fil-vettura assigurata taht *comprehensive cover* mas-socjeta` attrici;

L-ammont tad-danni ma giex kontestat mill-konvenut u allura l-Qorti ser tghaddi wkoll biex takkolji s-somma

reklamata anke ghaliex din tinsab sodisfacentement sostenuta minn ricevuti u dokumenti (Dok. MZ1 u Dok. MZ2) esebiti minn Mark Zammit, rapprezentant tas-socjeta` assiguratrici attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi wara li tirregetta l-eccezzjoni tal-konvenut takkolji l-ewwel domanda attrici u tiddikjara lill-konvenut fi htija ghad-danni subiti fil-vettura Numru ta’ Registrazzjoni J-0722 fl-incident tat-28 ta’ Marzu 1992;

Tilqa’ t-tieni talba billi tillikwida d-danni fl-ammont ta’ mitejn hamsa u sebghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm275.74,0);

Konsegwentement tilqa’ it-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` assiguratrici attrici s-somma hekk likwidata in linea ta’ danni, bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------